MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Avviz Numru. 67/2014

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Thomas Bugeja u Helen Maria Bugeja**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-bank attrici fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-24 ta' Frar 2014 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-bank attrici s-somma ta' sitt elef u tlieta u hamsin ewro u ghoxrin centezmu (€6,053.20) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan Account"* taghhom mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A1 sa A3") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-31 ta' Jannar 2014 sad-data tal-effettiv pagament, liema *loan* giet moghtija lilhom permezz ta' skrittura privata datata 29 ta' Jannar 2008 (Dok. "B").

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata (Dok. "B") partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Thomas Bugeja u Helen Marie Bugeja (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulati fl-imsemmija skrittura, u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 28 ta' Awwissu 2013 (Dok C).

Rat illi l-konvenuti kienu debitament notifikati skond riferta pozittiva tal-Purtier Charles Buttigieg datata 30 ta' Gunju 2014 fejn thalliet kopja tar-rikors promotur u tal-avviz tas-smiegh fl-indirizz tal-konvenut Thomas Bugeja kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici, fil-Kunsilli Lokali ta' Hal Qormi u fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi. Rat illi l-konvenuta Helen Maria Bugeja giet notifikata permezz ta' affissjoni mhollija fil-Kunsill Lokali Mtarfa kif ukoll fl-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Mtarfa (fol. 27 tergo).

Rat illi l-konvenuti gew ukoll notifikati bir-rikors promotur permezz ta' publikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern nhar l-4 ta' Lulju 2014 (fol 31) u fil-gazzetti lokali The Malta Indipendent nhar l-4 ta' Awwissu 2014 (fol 29) u l-Orizzont nhar l-1 ta' Awwissu 2014 (fol 30).

Semghet lil Rose Cortis tixhed fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2014 fil-kapacita' taghha ta' litigation officer mal-bank attrici fejn kkonfermat illi minn meta giet ipprezentata l-kawza odjerna sal-gurnata tax-xhieda taghha l-konvenuti ma ghamlu l-ebda pagament u ghalhekk ikkonfermat illi salv ghall-interessi dovuti l-bilanc dovut lill-bank attrici huwa fl-ammont ta' sitt elef u tlieta u hamsin ewro u ghoxrin centezmu (€6,053.20).

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tal-bank attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' ta' sitt elef u tlieta u hamsin ewro u ghoxrin centezmu (€6,053.20) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet kif mitluba fl-istess rikors promotur.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta' Awwissu 2013.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------